

31974L0151

28.3.1974

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 84/25

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' 1-4 ta' Marzu 1974

**dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar ċerti partijiet u karatteristiċi ta' tratturi
bir-roti għall-agrikoltura jew għall-foresterija**

(74/151/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropej ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi l-ħtiġiet tekniċi li magħhom it-tratturi għandhom ikunu konformi permezz tal-liġijiet nazzjonali jirrigwardjaw, inter alia, il-piż mgħobbi massimu permissibbli, l-lokazzjoni u twaħħil tal-pjanċi ta' wara tar-reġistrazzjoni, it-tankijiet tal-karburanti, il-piżijiet tas-saborra, l-apparat ta' twissija li jinstema' u l-livell tal-ħoss permissibbli u sistemi ta' l-exhaust (silencer);

Billi dawn il-ħtiġiet jiddifferixxu minn Stat Membru għall-ieħor, billi għaldaqstant huwa neċessarju li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regoli eżistenti tagħhom, sabiex, partikolarment, jippermettu l-proċedura għall-approvazzjoni tat-tip KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill tal-4 ta' Marzu 1974 ⁽³⁾ dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi agrikoli bir-roti jew ta' tratturi tal-foresterija sabiex ikunu applikati fir-rigward ta' kull tip ta' trattur;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA

Artikolu 1

1. "Trattur Agrikolu jew tal-foresterija" ifisser kull vettura bil-mutur, mgħammra bir-roti jew bil-ktajjen ċatti u li jkollha mill-anqas żewġ fusien, li l-funzjoni ewlenija tiegħu tkun fil-qawwa tal-ġbid u li hu ddisinjat b'mod speċjali sabiex jiġbed, jimbotta, iġorr jew iħaddem ċerti għodod, makkinarju jew karrijiet intiżi għall-użu ta' l-agrikoltura jew tal-foresterija. Jista' jkun mgħammra biex iġorr tagħbija jew passiġġieri.

⁽¹⁾ ĠU Ċ 28, 17.2.1967, p. 462/67.

⁽²⁾ ĠU Ċ 42, 7.3.1967, p. 620/67.

⁽³⁾ Ara p. 10 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika biss għat-tratturi definiti fil-paragrafu preċedenti li huma mgħammra b'tyres pneumatici u li jkollhom żewġ fusien u veloċità ddisinjata massima ta' bejn 6 u 25 km fis-siegħa.

L-ebda Stat Membru ma jista' jiċċad li jagħti l-approvazzjoni tat-tip KEE jew l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' trattur fuq il-bażi ta':

— il-piż mgħobbi massimu permissibbli

— il-lokazzjoni u t-twaħħil tal-pjanċi ta' wara tar-reġistrazzjoni,

— it-tankijiet tal-karburanti,

— il-piżijiet tas-saborra

— l-apparat ta' twissija li jinstema',

— il-livell ta' ħoss permissibbli u s-sistema ta' l-exhaust (silencer),

jekk dawn jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi rilevanti.

Artikolu 3

L-ebda Stat Membru ma jista' jiċċad li jirreġistra jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' tratturi fuq il-bażi li għandhom x'jaqsmu ma' partijiet u l-karatteristiċi elenkati fl-Artikolu 2 jekk dawn ikunu jissodisfaw il-ħtiġiet stabbiliti fl-Annessi rilevanti.

Artikolu 4

L-emendi meħtieġa għall-adattazzjoni għall-progress tekniku il-ħtiġiet ta' l-Annessi, apparti minn daww stabbiliti fil-punti 1.1 u 1.4.1.2 ta' l-Anness VI, għandhom ikun adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti agrikoli u tratturi tal-foresterija.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u għandhom min-nufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jkunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL

ANNEX I

PIŻ MGĦOBBI MASSIMU PERMISSIBBLI

1. Il-piż mgħobbi teknikament permissibbli kif mistqarr mill-manifattur għandu jkun aċċettat mill-amministrazzjoni kompetenti bħala l-piż mgħobbi massimu permissibbli basta li:
 - 1.1. ir-riżultati ta' kwalunkwe test li tagħmel l-amministrazzjoni, partikolarment dawk li jirrigwardjaw l-ibbrejtkjar u l-istering, ikunu sodisfaċenti.
 - 1.2. il-piż massimu mgħobbi permissibbli ma jeċċedix il-14-il tunellata metrika u l-piż massimu permissibbli għal kull fus ma jeċċedix l-10 tunellata metrika.
2. Ikun xi jkun l-istat ta' tagħbija tat-trattur, il-piż trażmess lejn it-triq permezz tar-roti fuq il-fus ta' quddiem m'għandux ikunu anqas minn 20 % tal-piż mhux mgħobbi ta' dak it-trattur.

ANNEX II

1. **GĦAMLA U QISIEN TAL-ISPAZJU GĦALL-MUNTAĠĠ TAL-PJANĊI TA' WARA TAR-REĠISTRAZZJONI**

L-ispażju għall-muntaġġ għandu jinkludi wiċċ lixx jew virtwalment rettangolari lixx bil-qisien minimi li ġejjin:

- tul 240 mm;
- għoli 165 mm.

2. **LOKAZZJONI TAL-ISPAZJU GĦALL-MUNTAĠĠ U T-TWAĦĦIL TAL-PJANĊI**

L-ispażju għall-muntaġġ għandu jkun tali, li wara twaħħil korrett, il-pjanċi għandhom ikollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

2.1. **Pożizzjoni tal-pjanċa b'relazzjoni mal-wisa' tal-vettura**

Il-punt ċentrali tal-pjanċa ma jistax ikun imqiegħed lejn il-lemin tal-wita ta' simetrija tat-trattur fl-Istati Membri fejn it-traffiku jsuq fuq il-lemin, jew fuq ix-xellug ta' dik il-wita fejn it-traffiku jsuq fuq ix-xellug.

Fl-Istati Membri fejn it-traffiku jsuq fuq il-lemin, ix-xifer tan-naħa tax-xellug tal-pjanċa ma jistax jitqiegħed fuq ix-xellug tal-wita vertikali li hu parallel mal-wita ta' simetrija tat-trattur u li jmiss ix-xifer estrem tat-tarf ta' barra tal-vettura.

Fl-Istati Membri fejn it-traffiku jsuq fuq ix-xellug, ix-xifer fuq in-naħa tal-lemin tal-pjanċa ma jistax jitqiegħed fuq il-lemin tal-wita vertikali li hu parallel mal-wita ta' simetrija tat-trattur u li jmiss ix-xifer estrem tat-tarf ta' barra tal-vettura.

2.2. **Il-pożizzjoni tal-pjanċa b'relazzjoni mal-wita' lonġitudinali tas-simetrija tat-trattur**

Il-pjanċa għandha tkun perpendikulari jew prattikament perpendikulari mal-pjan tas-simetrija tat-trattur.

2.3. **Il-pożizzjoni tal-pjanċa b'relazzjoni mal-wita vertikali**

Il-pjanċa għandha tkun vertikali f'tolleranza ta' 5°. B'danakollu, meta l-għamla tat-trattur tkun teħtieġ hekk, tista' tkun inklinata lejn il-vertikali:

- 2.3.1. f'mhux aktar minn 30° meta l-wiċċ li jkollu n-numru tar-reġistrazzjoni jkun inklinat 'l fuq, sakemm l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa ma jkunx aktar minn 1.20 metri mill-art;
- 2.3.2. f'mhux aktar minn 15° meta l-wiċċ li jkollu n-numru tar-reġistrazzjoni jkun inklinat 'l isfel, sakemm l-għoli tat-tarf ta' fuq tal-pjanċa ma jkunx aktar minn 1.20 metri mill-art;

2.4. L-għoli tal-panċa mill-art

L-għoli tax-xifer t'isfel nett tal-panċa mill-art m'għandux ikun anqas minn 0.30 metru: l-għoli tax-xifer ta' fuq nett tal-panċa mill-art m'għandux ikun aktar minn 1.20 metru: B'danakollu, meta jkun impossibbli fil-prattika sabiex tkun konformi ma din id-dispożizzjoni ta' l-aħħar, l-għoli jista' jeċċedi l-1.20 metru, iżda mbagħad għandu jkun kemm hu possibbli qrib dak il-limitu skond kemm il-kartatteristiċi tal-binja tat-trattur tippermetti, u m'għandu fl-ebda każ jeċċedi l-2.5metru.

2.5. Id-determinazzjoni ta' l-għoli tal-panċa mill-art

L-għoli mogħti fi 2.3 u 2.4 għandu jitkejjel bit-trattur mingħajr tagħbija.

ANNEX III

TANKIJET GĦALL-KARBURANTI LIKWIDI

1. It-tankijiet tal-karburanti għandhom ikunu magħmula b'tali mod li jirreżistu għall-korrużżjoni. Għandhom jissodisfaw t-testijiet tat-tnixxija mwettqa mill-manifattur bi pressjoni ugwali għad-doppju tal-pressjoni tax-xogħol iżda f'kull każ mhux anqas minn 1.3 bars. Kull pressjoni fl-eċċess jew kull pressjoni li teċċedi l-pressjoni tax-xogħol għandha tkun awtomatikament kompensata b'apparat adattabbli (ventijiet, valvoli tas-sigurtà, eċċ.). Il-ventijiet għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jipprevjenu riskji ta' ħruq. Il-karburanti m'għandux inixxi mit-tapp tat-tank tal-karburanti jew minn apparat fornut sabiex jikkompensa għall-pressjoni eċċessiva, anke jekk it-tank jinqaleb kompletament: qatra għandha tkun ittollerata.
2. It-tankijiet tal-karburanti għandhom ikunu installati b'tali mod li jkunu protetti mill-konsegwenzi ta' l-impatt fuq il-quddiem jew ma' wara tat-trattur; m'għandux ikun hemm partijiet imqabbża 'l barra, trufijiet jaqtgħu, eċċ. qrib it-tankijiet.

ANNEX IV

PIŻIJET TAS-SABORRA

Jekk, sabiex ikunu sodisfatti d-disposizzjonijiet stabbiliti għall-approvazzjoni tat-tip KEE, trattur għandu jkun mgħammar bil-piż tas-saborra, dawn il-piżijiet għandhom ikunu pprovduti mill-manifattur, magħmula mill-metal, iddisinjati għat-twaħħil mat-trattur, u jkollhom il-marka tad-ditta li timmanifatturahom u indikazzjoni tal-piż approssimattiv tagħhom f'kilogrammi.

ANNEX V

APPARAT TAT-TWISSIJA LI JINSTEMA'

1. L-apparat tat-twissija għandu jkollu il-marka ta' l-approvazzjoni ta' l-KEE preskritta bid-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-apparat tat-twissija li jinstema' għall-vetturi bil-mutur⁽¹⁾.
2. **Karatteristiċi ta' l-Apparat tat-Twissija li Jinstema' meta mwaħħal mat-trattur**

⁽¹⁾ ĠU L 176, ta' l-10.8.1970, p. 12.

2.1. Testijiet akustiċi

Meta trattur huwa tat-tip approvat, il-karatteristiċi ta' l-apparat tat-twissija mwaħħal ma' dak it-tip ta' trattur għandhom ikunu ttestjati kif ġej:

- 2.1.1. Il-livell tal-pressjoni tal-ħoss ta' l-apparat meta jitwaħħal mat-trattur għandu jitkejjel f'punt li jkun 7 metri quddiem it-trattur, f'sit li huwa miftuħ u kemm hu possibbli wati. Il-magna tat-trattur għandha titwaqaf. Il-vultaġġ effettiv għandu jkun dak stabbilit fil-punt 1.2.1. ta' l-Anness I tad-Direttiva riferita fi 1 hawn fuq.
- 2.1.2. Il-qisien għandhom isiru fuq l-iskala tal-kejl "A" tal-livell ta' l-istandard l-IEC (Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali)
- 2.1.3. Il-pressjoni massima tal-ħoss għandha tkun iddeterminata f'għoli ta' bejn il-0.5 u 1.5 metru 'l fuq mil-livell ta' l-art.
- 2.1.4. L-hekk imsejjaħ massimu m'għandux ikun anqas minn 93 dB (A).

ANNEX VI

I. LIVELLI PERMISSIBBLI TAL-ĦOSS

I.1. Limiti

Il-livell tal-ħoss tat-tratturi riferit fl-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva, meta mkejjel taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, ma jistax jeċċedi l-livelli li ġejjin.

89 dB (A) għal tratturi b'piż mhux mgħobbi li jeċċedi 1.5 tunnella metrika;

85 dB (A) għal tratturi b'piż mhux mgħobbi li ma jeċċedix 1.5 tunnella metrika;

I.2. Strumenti tal-kejl

Il-ħoss li joħroġ mit-tratturi għandu jitkejjel permezz ta' arloġġ tal-livell tal-ħoss tat-tip deskritt fil-Pubblikazzjoni 179, l-ewwel Edizzjoni (1965) tal-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali.

I.3. Il-kundizzjonijiet tal-kejl

Il-qisien għandhom isiru fuq tratturi mhux mgħobbija f'żona suffiċjentement miftuħa u kwieta (ħoss tal-madwar u l-ħoss tar-riħ almenu 10 dB (A) taħt il-ħoss li jkun qiegħed jitkejjel).

Din iż-żona tista' tieħu l-forma, per eżempju, ta' spazju miftuħ ta' radda ta' 50 metru li jkollu l-parti ċentrali tar-radda mill-anqas 20 metru li hu prattikament livell; jista' jkun miksi bil-konkrit, bl-asfalt, jew b'materjal simili u ma jistax ikun kopert b'borra għamla ta' trab, ħaxix twil, ħamrija mifruxa jew irmied.

Il-wiċċ tal-mogħdija tat-test għandu jkun tali li ma tikkawżax ħoss eċċessiv tat-tyre. Din il-kundizzjoni tapplika biss għall-kejl tal-ħoss magħmul mit-tratturi miexja.

Il-qisien għandhom isiru f'temp tajjeb bi f'tit riħ. L-ebda persuna apparti milli mill-osservatur li jkun qiegħed jieħu l-qari mill-apparat ma jista' jibqa' maġenb it-trattur jew il-mikrofonu, billi l-preżenza ta' l-ispettaturi ħdejn, jew it-trattur jew il-mikrofonu, jistgħu jaffettwaw konsiderevolment il-qari mill-apparat. It-tluġ u l-inżul immarkat tal-werrej li jidher li m'għandux x'jaqşam mal-karatteristiċi tal-livell tal-ħoss ġenerali għandu jkun injorat fit-tehd tal-qari.

I.4. Metodu tal-kejl

I.4.1. Il-kejl tal-ħoss tat-tratturi miexja (għall-approvazzjoni tat-tip).

Almenu żewġ qisien għandhom jittieħdu fuq kull naħa tat-trattur. Qisien preliminari jistgħu isiru għall-għanijiet ta' aġġustament imma għandhom ikunu injorati.

Il-mikrofonu għandu jitqiegħed 1.72 metri 'l fuq mil-livell ta' l-art f'distanza ta' 7.5 metru mill-mogħdija tal-linja ċentrali tat-trattur, CC, imkejla matul il-perpendikulari PP' ma' dik il-linja (figura 1).

Żewġ linji AA' u BB', paralleli mal-linja PP' u mqiegħda rispettivament 10 metri 'l quddiem u 10 metri lura mill-linja, għandhom ikunu mmarkat fuq it-triq tat-test. It-tratturi għandhom jersqu lejn il-linja AA' b'veloċità kontinwa, kif speċifikat hawn taħt. L-aċċellerazzjoni għandha tkun miftuħa kompletament malajr kemm hu prattikabbli u miżmuma fil-pożizzjoni miftuħa għal kollox sakemm l-warrani tat-trattur⁽¹⁾ jaqsam il-linja BB'; l-aċċellerazzjoni għandha imbagħad tingħalaq mill-ġdid malajr kemm jista' jkun.

Il-livell massimu tal-ħoss irrekordjat għandu jikkostitwixxi r-riżultat tal-kejl.

- I.4.1.1. Il-veloċità tat-test għandha tkun tliet-kwarti tal-veloċità massima li tista' tinkiseb fl-ogħla ingranaġġ użat għaċ-ċaqliq fit-triq.
- I.4.1.2. L-interpretazzjoni tar-riżultati
 - I.4.1.2.1. Sabiex jitqiesu l-ineżattezzi fl-istrumenti tal-kejl, ir-riżultat miksub minn kull kejl għandu jkun iddeterminat billi tnaqqas 1 dB (A) mill-qari ta' l-arloġġ.
 - I.4.1.2.2. Il-kejl għandu jitqies validu jekk id-differenza bejn żewġ qisien konsekuttivi fuq l-istess naħa tat-trattur ma teċċedix 2dB (A).
 - I.4.1.2.3. L-ogħla livell tal-ħoss imkejjel għandu jikkostitwixxi r-riżultati tat-test. Jekk dak ir-riżultat jeċċedi b'1 dB (A) il-livell massimu tal-ħoss permissibbli għall-kategorija tat-trattur ittestjat, żewġ qisien oħra għandhom isiru. Tlieta mill-erba' qisien miksuba hekk għandhom jaqgħu fil-limiti preskritti.

Pożizzjonijiet għall-qisien ta' traktors miexja




Figura 1

⁽¹⁾ Jekk it-trattur jinkludi l-karru, dan m'għandux jitqies fid-determinar ta' meta l-linja BB' tkun maqsuma.

I.4.2. Il-kejl tal-ħoss tat-tratturi wieqfa (mhux meħtieġa għall-approvazzjoni tat-tip).

I.4.2.1. Il-pożizzjoni ta' l-arloġġ tal-livell tal-ħoss

Il-kejl għandu jsir fil-punt X (muri fil-figura 2) f'distanza ta' 7 metri mill-wiċċ l-aktar qrib tat-trattur.

Il-mikrofonu għandu jitqiegħed 1.2 metru 'l fuq mil-livell ta' l-art.

I.4.2.2. In-numru ta' kejljet

Almenu għandhom isiru żewġ kejljet.

I.4.2.3. Il-kondizzjonijiet tat-test tat-trattur

Il-magna tat-trattur mingħajr ir-regolatur tal-veloċità għandha titħaddem bi tliet-kwarti tal-rpm tal-veloċità, li fiha, skond il-manifattur tat-trattur, tiżviluppa l-qawwa massima tagħha. L-rpm tal-veloċità tal-magna għandha titkejjel permezz ta' strument indipendenti, e.g. roller bed u takometru. Il-magna mgħammra b'regolatur li jipprevjeni lill-magna milli teċċedi l-veloċità li fiha tiżviluppa l-qawwa massima tagħha, għandha titħaddem bil-veloċità massima permessa mir-regolatur.

Qabel ma jittieħed xi kejl, il-magna għandha tinġieb għat-temperatura li fiha taħdem normalment.

I.4.2.4. L-interpretazzjoni tar-riżultati

Il-qari kollha irrekordjati tal-livelli tal-ħoss għandu jingħata fir-rapport.

Il-metodu wżat sabiex tkun ikkalkolata l-qawwa tal-magna għandha jintwera wkoll meta jkun possibbli. L-istat tat-tagħbija tat-trattur għandu jingħata wkoll.

Il-kejl għandu jitqies validu jekk id-differenza bejn żewġ qisien konsekuttivi fuq l-istess naħa tat-trattur ma jeċċedix 2dB (A).

Il-figura massima rekordjata għandha tikkostitwixxi r-riżultat tal-kejl.

Pożizzjonijiet ta' qisien għal trakers weqfin




Figura 2

II. IS-SISTEMA TA' L-EXHAUST (SILENCER)

- II.1. Jekk it-trattur ikun mgħammar b'apparat disinjat sabiex inaqas l-ħoss ta' l-exhaust (*silencer*), il-ħtiġiet ta' dan id-Dettal II għandu japplika. Jekk id-dħul tal-magna jkun mgħammar b'filtru ta' l-arja li jkun meħtieġ sabiex jassigura konformita mal-livell tal-ħoss permissibbli, il-filtru għandu jitqies bħala parti mis-*silencer*, u l-ħtiġiet ta' dan id-Dettal II għandu japplika wkoll għal dak il-filtru.
- II.2. Disinn tas-sistema ta' l-exhaust għandha tkun annessa maċ-ċertifikat tat-tip approvat tat-trattur
- II.3. Is-*silencer* għandu jkun immarkat b'referenza għall-għamla u t-tip tiegħu li huwa leġibbli b'mod ċar u ma jitħassarx.
- II.4. L-użu ta'materjal fibruż assorbenti huwa permissibli fil-binja ta' *silencers* biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu mwettqa:
- II.4.1. Il-materjal fibruż assorbenti ma jistax jitqiegħed f'dawk il-partijiet tas-*silencer* li minnhom jgħaddi l-gass;
- II.4.2. Apparat adattat għandu jassigura li l-materjal fibruż assorbenti jinżamm f'postu l-ħin kollu li dak is-*silencer* ikun jintuża;
- II.4.3. Il-materjal fibruż assorbenti għandu jkun reżistenti għat-temperatura ta' mill-anqas 20 % ogħla mit-temperatura operattiva (gradi C) li jista' jkun hemm fir-reġjun tas-*silencer* ta' fejn daww il-materjali fibrużi assorbenti jkunu jinsabu.
-